

Brussell, 24 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7230/22
PV CONS 14
SOC 157
EMPL 100
SAN 157
CONSOM 61

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)
14 ta' Marzu 2022

WERREJ

Paġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	3
2.	Approvazzjoni tal-punti "A" Lista ta' attivitajiet mhux leġiżlattivi	3

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

3.	Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpanniji elenkati f'borża u miżuri relatati.....	3
----	--	---

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4.	Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fir-reklutaġġ u l-promozzjoni tad-diversità fid-dinja tax-xogħol: għodod u esperjenzi.....	3
5.	Semestru Ewropew	4
	a) Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2022	
	b) Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2022	
6.	Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni akbar fl-età fis-suq tax-xogħol	4
7.	Konklużjonijiet dwar ir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-qgħad fit-tul ..	4

Affarijiet oħra

8.	a) Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.....	5
	b) Rapport annwali dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa	5
	c) Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu.....	5
	d) Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali - miri nazzjonali għall-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar	5
	e) Garanzija Ewropea għat-Tfal	5
	f) Komunikazzjoni "Pjan ta' Azzjoni għall-iżvilupp ta' ekonomija soċjali u solidali"	6
	g) Summit Soċjali Tripartitiku.....	6
	h) Programmi ta' ħidma għall-2022 tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS)	6
	ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	7

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 6926/1/22 REV 1.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

Lista ta' attivitajiet mhux leġiżlattivi

6927/22 + ADD 1

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 6927/22 + ADD 1 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati** 6468/22 + ADD 1 *Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 6468/22 u qabel li l-Presidenza tingħata l-mandat biex tmexxi negozjati mal-Parlament Ewropew fuq dik il-bażi.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Ungerija u l-Polonja jinsabu fl-Anness għal dawn il-minuti.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. **Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fir-reklutaġġ u l-promozzjoni tad-diversità fid-dinja tax-xogħol: għodod u esperjenzi** 6722/22 *Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni intitolat "Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fir-reklutaġġ u l-promozzjoni tad-diversità fid-dinja tax-xogħol: għodod u esperjenzi", abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza kif tinsab fid-dokument 6722/22.

5. Semestru Ewropew 2022



- (a) **Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2022**

6473/22

Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2022 kif jinsabu fid-dokument 6473/22.

- (b) **Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2022**



6188/22

Adozzjoni

Il-Kunsill adotta r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2022 kif jinsab fid-dokument 6188/22

6. **Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni akbar fl-età fis-suq tax-xogħol**



6463/22

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni intitolat "Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni akbar fl-età fis-suq tax-xogħol", abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza li tinsab fid-dokument 6463/22.

7. **Konklużjonijiet dwar ir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-qgħad fit-tul**



6575/1/22 REV 1

Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar ir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-qgħad fit-tul kif jinsabu fid-dokument 6575/1/22 REV 1.

Affarijiet oħra

8. (a) **Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna** 7064/22
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, abbażi tad-dokument 7064/22.

- (b) **Rapport annwali dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa** 7064/22
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-Rapport annwali dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

- (c) **Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-rażziżmu** 7064/22
Informazzjoni mill-Kummissjoni


Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar ir-rapport annwali tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-rażziżmu.

- (d) **Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali - miri nazzjonali għall-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar** 7064/22
Informazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali


Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-miri nazzjonali għall-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

- (e) **Garanzija Ewropea għat-Tfal** 7064/22
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal.

- (f) **Komunikazzjoni "Pjan ta' Azzjoni għall-iżvilupp ta' ekonomija soċjali u solidali"**  14890/21
Informazzjoni mill-Kummissjoni




Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar is-segwitu tal-Pjan ta' azzjoni tagħha għall-ekonomija soċjali kif jinsab fid-dokument 14890/21.

- (g) **Summit Soċjali Tripartitiku** 
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar is-Summit Soċjali Tripartitiku li ser isir fit-23 ta' Marzu.

- (h) **Programmi ta' ħidma għall-2022 tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS)**  6425/22
6416/22
Informazzjoni mill-presidenti rispettivi

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-presidenti tal-Kumitat EMCO u l-Kumitat KPS dwar il-programmi ta' ħidma tal-kumitati rispettivi għall-2022, abbażi tad-dokumenti 6425/22 u 6416/22.

-
-  L-ewwel qari
-  Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-  Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġislattivi jew pubbliċi li jinsabu fid-dokument 6926/1/22 REV 1

Dwar il-punt "B" **Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta'**
nru. 3: **kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati**
 Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tqis li l-inizjattivi għall-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel huma tal-akbar importanza, u għalhekk aħna ġeneralment nappoġġaw l-għan tad-direttiva proposta li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż fl-isfera ekonomika. Matul in-negozjati t-test tjejb b'mod sinifikanti, madankollu t-tħassib tagħna li ġie espress preċedentement mhuwiex indirizzat b'mod sodisfaċenti rigward il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, u l-ħtieġa li jitqiesu b'mod xieraq il-liġijiet tal-kumpaniji u l-liġijiet korporattivi differenti tal-Istati Membri tal-UE.

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Għal dawn ir-raġunijiet, l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" ser tiġi interpretata mill-Ungerija bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-espressjoni "bilanċ bejn il-ġeneri" ser tiġi interpretata mill-Ungerija bħala bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u l-Artikolu 157, il-paragrafu 3 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. B'rabta ma' dan ta' hawn fuq, l-espressjonijiet li fadal li fihom it-terminu "ġeneru" ser jiġu interpretati mill-Ungerija bħala "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19, il-paragrafu 1, u l-Artikolu 157, il-paragrafi 2 u 4, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk l-Ungerija tiddikjara li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi 2020-2025" imsemmija fid-Direttiva jeħtieġ li tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni debita għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja ser tinterpreta l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-espressjoni "bilanċ bejn il-ġeneri" bħala bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Polonja ser tinterpreta espressjonijiet oħra li fihom it-terminu "ġeneru" bħala li jirreferu għal "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."
